



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2009/2118(DEC)

3.2.2010

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2008
(C7-0189/2009 – 2009/2118(DEC))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Véronique Mathieu

WERREJ

Pàġna

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	4
3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	5

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2008
(C7-0189/2009 – 2009/2118(DEC))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2008,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija¹,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ... (0000/2010 – C7-0000/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE u l-Artikolu 319 tat-Trattat FUE,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej², u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-31 ta' Marzu 2004³ li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,–
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2009 tad-19 ta' Diċembru 2009 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0000/2010),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2008;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-direttur tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

¹ ĠU C 304, 15.12.2009, p. 27.

² ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

³ ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2008
(C7-0189/2009 – 2009/2118(DEC))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2008,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija²,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ... (0000/2010 – C7-0000/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE u l-Artikolu 319 tat-Trattat FUE,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej³, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-31 ta' Marzu 2004⁴ li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2009 tad-19 ta' Diċembru 2009 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0000/2010),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2008;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

¹ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

² ĠU C 304, 15.12.2009, p. 27.

³ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁴ ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

⁵ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2008

(C7-0189/2009 – 2009/2118(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2008,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija¹,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' ... (0000/2010 – C7-0000/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE u l-Artikolu 319 tat-Trattat FUE,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej², u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-31 ta' Marzu 2004³ li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2009 tad-19 ta' Diċembru 2009 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0000/2010),

¹ ĠU C 304, 15.12.2009, p. 27.

² ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

³ ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

⁴ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- A. billi l-Qorti tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem "il-Qorti") tindika li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2008 huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari,
- B. billi fit-23 ta' April 2009 l-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007¹, u li, fir-Riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza, il-Parlament innota, b'mod partikolari:

- nuqqasijiet fil-ġestjoni buġetarja rigward il-programm tat-telematika,

- nuqqasijiet rigward il-proċeduri tal-ġħoti ta' kuntratti,

- progress rigward ir-rispett tar-regolament dwar il-ħlasijiet;

Prestazzjoni

1. Jifraħ lill-Aġenzija talli implimentat also notes that the Agency is currently examining the functioning of its committee structure to enhance interactions in the light of an increase in the number of scientific committees and related scientific work;

Trasferiment ta' approprjazzjonijiet

2. Huwa mħasseb mill-fatt li lill-Qorti rriżultatli li l-ammonti tal-appropriazzjonijiet buġetarij trasferiti u mħassra laħqu rispettivament EUR 36 000 000 (19,7 % tal-baġit) u EUR 9 700 000 (jiġifieri 5,3 % tal-baġit); Jenfasizza, bħalma rriżulta fis-snin finanzjarji ta' qabel, li l-livell għoli tal-appropriazzjonijiet trasferiti għall-infiq operattiv (jiġifieri EUR 21 400 000), huwa prinċiplament imputabbli għal infiq fil-qasam tal-informatika għall-implimentazzjoni ta' programm tat-telematika għar-regolazzjoni tal-medikamenti; għaldaqstant huwa mħasseb, minħabba li din is-sitwazzjoni, li ilha għaddejja għal għadd ta' snin, tmur kontra l-prinċipju tal-annwalità;

Proċeduri tal-akkwisti

3. Jitlob lill-Aġenzija biex ittejjeb il-kwalità tal-proċeduri tal-akkwist tagħha, ħalli ttejjem in-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti tal-Awdituri (bħal pereżempju f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' metodi ta' evalwazzjoni fejn jidħlu l-kriterji ta' prezz u l-ġustifikazzjonijiet indispensabbli għall-għażla tal-proċeduri);

Dħul minn ħlasijiet

4. Jišhaq li l-ħlasijiet riċevuti għas-servizzi ta' evalwazzjoni jikkostitwixxu l-għajn ewlenija tad-dħul tal-Aġenzija, jiġifieri 70,2 % tad-dħul totali tagħha fl-2008; Ifakkar, f'dan ir-rigward, dwar l-importanza tal-istrument rigward id-dħul speċifiku maħsub għall-aġenziji li jagħmlu dħul mill-ħlasijiet, biex jiffaċċaw l-iżviluppi mhux prevedibbli tas-swieq;

Verifika interna

¹ ĠU L 255, 26.9.2009, p. 117.

5. Jirrikonoxxi li s-Servizz tal-Verifika Interna (IAS) tal-Kummissjoni għamel rakkomandazzjoni "kritika" waħda fir-rapport ta' verifika tiegħu, rigward il-kunflitti tal-interess tal-esperti, u tmien rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna", fl-oqsma tad-dokumentazzjoni tal-kunflitti tal-interess għall-persunal tal-Aġenzija, il-bażijiet tad-data li jintużaw biex jirfdu l-proċeduri amministrattivi għall-evalwazzjoni u l-iżvilupp tal-linji gwida għar-reġistrazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn il-linji gwida;
6. Jifraħ lill-Aġenzija talli adottat kodiċi ta' kondotta li tsitipula prinċipji u gwida dwar l-indipendenza u l-kunfidenzjalità applikabbli għall-membri tal-Bord u tal-Kumitati, għall-esperti u għall-persunal tal-Aġenzija;

o
o o

7. Jirreferi, għal osservazzjonijiet oħra ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu ta' xx ta' April 2010 dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.